**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 09 ta' Mejju, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 831/2018 AF**

**Western Co. Limited (C-19994)**

**vs**

**Edgar Saliba**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tas-soċjetà attriċi Western Co. Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà attrici hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' hmistax-il elf, disa' mija u tlieta u tmenin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€15,983.93) rapprezentanti din is-somma prezz ta' vettura tal-marka Mitsubishi Pajero bin-numru ta' registrazzjoni KAE 387 mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut però mhux imhallsa u dan skond skrittura privata li qed tigi esebita bhala Dok. A.

Il-konvenut gie debitament notifikat b'ittra ufficcjali numru 64/18 a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 biex ihallas izda baqa' inadempjenti u anzi kkontesta t-talba.

L-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur tas-socjetà attrici fl-ammont ta' hmistax-il elf, disa' mija u tlieta u tmenin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€15,983.93) rapprezentanti din is-somma prezz ta' vettura tal-marka Mitsubishi Pajero bin-numru ta' registrazzjoni KAE 387 mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut però mhux imhallsa.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' hmistax-il elf, disa' mija u tlieta u tmenin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€15,983.93).

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' b'ittra ufficcjali numru 64/18 a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1167/18 u l-imghax u l-kovenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenut Edgar Saliba, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Is-socjetà attrici mhijiex kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' hmistax-il elf, disa' mija u tlieta u tmenin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€15,983.93) rapprezentanti prezz ta' vettura tal-marka Mitsubishi Pajero bin-numru ta' registrazzjoni KAE 387 mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut stante li hija mhallsa kollha fl-intier taghha.

L-iskrittura privata esebita mis-socjetà attrici hija manomessa stante li l-vettura mertu ta' din il-kawza nxtrat f'Gunju tas-sena 2007 u mhux fis-sena 2009 kif indikat fl-iskrittura msemmija.

Mhuwiex minnu li l-konvenut baqa' inadempjenti anzi hallas l-ammont kollu pretiz f'din il-kawza, kif ser jigu ppruvat f'din l-istess kawza u ghalhekk kkontesta t-talba attrici.

Is-socjetà attrici taf b'dawn il-fatti, cioè li din il-vettura mertu ta' din il-kawza hija mhallsa fl-intier taghha.

Il-konvenut qieghed jeccepixxi ukoll illi t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra r-rikorrenti inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 64/18 a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, is-soċjetà attriċi qed titlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' €15,983.93 rappreżentanti l-bilanċ fuq il-vettura tal-għamla Mitsubishi Pajero bin-numru ta' reġistrazzjoni KAE 387 li l-attriċi biegħet u kkonsenjat lill-konvenut.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-partijiet iffirmaw skrittura nhar l-14 ta' Jannar 2009 fejn ftehmu li Charles Bianco għas-soċjetà attriċi (għalkemm fl-istess skrittura hemm imniżżel li kien qed jidher ukoll għan-nom ta' Gianluca Auto Dealers) u l-konvenut kienu ser jinnegozjaw it-trasferiment tal-vettura in kwistjoni.

Ġie maqbul illi l-prezz kellu jkun ta' Lm9,600 li kellhom jitħallsu permezz ta' sitta u disgħin pagament mensili ta' Lm150. Jidher li ġie miftiehem ukoll illi l-prezz kien jirrifletti *trade in* ma' vettura li kellu l-konvenut li ngħatat il-valur ta' Lm1,600. Il-pagamenti mensili kienu jinkludu mgħax bir-rata ta' 8%. B'hekk jidher illi l-partijiet ftehmu li l-konvenut kellu jħallas lill-attriċi s-somma globali ta' €33,543.

Mir-riċevuti esebiti jirriżulta li l-konvenut ħallas biss is-somma ta' €18,489 u li dawn il-pagamenti saru bejn il-15 ta' Ġunju 2007 u l-4 ta' Novembru 2010. Fil-fatt il-partijiet kienu ffirmaw ukoll dikjarazzjoni nhar it-28 ta' Ġunju 2007. Hemm ġie maqbul illi l-pagamenti kollha li kien ser jagħmel il-konvenut qabel l-1 ta' Frar 2009 kienu pagamenti akkont għax-xiri tal-vettura in kwistjoni u li l-kuntratt finali ta' bejgħ kellu jiġi ffirmat fl-1 ta' Frar 2009. Skont Carmelo Bianco dak li tħallas qabel ma saret l-iskrittura ta' Jannar 2009 kien id-depożitu fuq il-vettura.

Is-soċjetà attriċi interpellat lill-konvenut iħallas il-bilanċ li tgħid li huwa pendenti permezz ta' ittra uffiċjali skont l-artikolu 166A tal-Kap. 12. Din l-ittra uffiċjali ġiet ippreżentata nhar it-23 ta' April 2018 u notifikata lill-konvenut nhar it-30 ta' April 2018. Il-konvenut ikkontesta l-ittra uffiċjali u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

In linea preliminari, il-konvenut jeċċepixxi li t-talbiet attriċi huma preskritti skont l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16. Dan l-artikolu jiddisponi hekk:

*"L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*

*(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;"*

Huwa rilevanti wkoll l-artikolu 2160(1) li jaqra hekk:

*"Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa."*

Għal finijiet ta' dan l-artikolu, il-Qorti tinnota li fl-udjenza tat-12 ta' Marzu 2019 il-konvenut xehed illi sa Novembru tal-2010 huwa kien ħallas kollox. Meta xehed fl-udjenza sussegwenti, jiġifieri dik tas-16 ta' Mejju 2019, huwa reġa xehed illi ġie saldat kollox u kif ukoll li ma kellux negozji oħra mas-soċjetà attriċi. Il-Qorti hija għalhekk tal-fehma li r-rekwiżit tal-artikolu 2160(1) ġie sodisfatt.

Kif diġà ntqal, l-ittra ufficcjali tas-soċjetà attriċi saret u ġiet notifikata lill-konvenut f'April tal-2018. Dwar minn meta beda jiddekorri l-perjodu preskrittiv, l-artikolu 2137 tal-Kap. 16 jistipula li l-preskrizzjoni tal-azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata.

Carmelo Bianco għan-nom tas-soċjetà attriċi ppreżenta dokument li fih hemm il-kalkolu ta' kemm kien ikun għamel pagamenti mensili l-konvenut u kemm għad jonqsu jħallas li kieku beda jħallas kif stipulat fl-iskrittura tal-14 ta' Jannar 2009 u ċioè pagamenti mensili ta' €349.36 (Lm150).

Skont dan id-dokument, il-konvenut kellu jħallas is-somma globali ta' €33,538.71 jiġifieri sitta u disgħin pagament ta' €349.36. Minn dan l-ammont €7,449.73 kellu jitħallas bħala imgħax. L-ewwel pagament kellu jitħallas fl-1 ta' Frar 2009 u l-

aħħar pagament fl-1 ta’ Jannar 2017. Il-vettura ngħatat il-valur ta’ €26,088.98.

Nonostante l-fatt illi d-dati tal-pagamenti u riċevuti korrispondenti ma jaqblux ma dak miftiehem fil-kuntratt, għaliex kif diġà ntqal il-pagamenti fil-fatt saru bejn l-2007 u l-2010, is-soċjetà attriċi qasmet il-pagamenti kollha li għamel il-konvenut f’pagamenti mensili skont ma ġie maqbul fil-kuntratt biex b’hekk qiegħda tgħid illi l-konvenut waqaf iħallas mill-pagament jew xahar numru tlieta u ħamsin. Dan ifisser li skont l-attriċi l-aħħar pagament li għamel il-konvenut kien dak relatat mal-pagament li kellu jsir f’Mejju 2013.

Peress illi s-soċjetà attriċi qed tibbaża l-pretensjonijiet tagħha fuq il-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet tal-14 ta’ Jannar 2009, dak li jiswa għal finijiet tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni huwa dak il-ftehim u l-attriċi ċertament ma setgħetx tippretendi li titħallas il-kumplament tas-somma qabel Ġunju 2013. Isegwi għalhekk li l-perjodu preskrittiv kien għadu m’għaddiex sa dakinhar illi saret u ġiet notifikata lill-konvenut l-ittra uffiċjali taħt l-artikolu 166A ta’ April 2018 li interrompiet il-preskrizzjoni. Din il-kawża imbagħad saret ftit tax-xhur wara.

L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni qiegħda għalhekk tiġi miċħuda.

Fil-mertu, il-konvenut jeċċepixxi li s-soċjetà attriċi mhijiex kreditriċi tiegħu in kwantu li l-prezz tal-vettura tħallas kollu. Jeċċepixxi wkoll illi l-iskrittura privata li fuqha qed tistrieħ is-soċjetà attriċi hija manomessa stante li l-vettura fil-fatt inxtrat fl-2007 u mhux fl-2009 kif indikat fl-iskrittura.

Il-Qorti tistqarr li mhijiex konvinta xejn mir-rakkont tal-partijiet dwar kif seħħ in-negozju f’din il-kawża. Wieħed ma jistax ma jkunx imħasseb dwar il-fatt illi l-konvenut allegatament għamel madwar tmintax-il xahar iħallas depożitu fuq vettura li ma kienitx ser tinxtara ġdida u li ġiet *garaged* dakinhar stess illi seħħ it-trasferiment uffiċjali tal-vettura minn fuq isem Carmelo Bianco għall-fuq il-konvenut.

Dan aktar u aktar meta l-vettura in kwistjoni, manufatturata fl-1990, ingħatat valur ta’ kważi €30,000 (meta jitqies ukoll il-valur

tal-vettura li magħha sar it-*trade in*) li fuq kollox skont il-konvenut ġiet *scrapped* f'anqas minn għaxar snin!

Madanakollu, il-konvenut naqas milli jressaq eċċezzjonijiet validi sabiex il-Qorti tkun tista' teħilsu mill-obbligu assunt minnu fuq l-iskrittura li ffirma nhar l-14 ta' Jannar 2009.

Għandu jingħad però li skont it-teżi tal-attriċi baqa' tlieta u erbgħin pagament ta' €349.36 – il wieħed li hi tgħid li jammontaw għal €15,022.18 u allura ftit inqas mis-somma riklamata. Fis-sottomissjonijiet tagħha l-attriċi tgħid illi d-differenza hija ħlas ta' liċenzji. Madanakollu, fl-atti ma tirriżulta l-ebda riċevuta ta' ħlas ta' liċenzja għall-vettura in kwistjoni u allura l-Qorti sejra tillikwida s-somma dovuta fl-ammont ta' €15,022.18.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attriċi limitatament billi tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' ħmistax-il elf u tnejn u għoxrin Ewro u tmintax-il ċenteżmu (€15,022.18) rappreżentanti bilanċ mhux imħallas fuq il-vettura tal-marka Mitsubishi Pajero bin-numru ta' reġistrazzjoni KAE 387 u tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi din is-somma ta' ħmistax-il elf u tnejn u għoxrin Ewro u tmintax-il ċenteżmu (€15,022.18) bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

IMHALLEF

DEP/REG